MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2000

Citazzjoni Numru. 1623/2000/1

**LONDON SEVICES LIMITED**

**vs**

**INCOMING TRAVEL BUREAU LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni pprezentat fit-3 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont ta' tlett elef u tmienja u sittin lira maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm3068.97), ammont rappresentanti hlas dovut ghall-kiri ta' vetturi u ghall-provizjon ta' servizzi ta' Socjeta' konvenuta, skond ma jidher mill-istatement *chauffer-driven vehicles* suppliti minnha fuq ordni u inkarigu tal-istess Socjeta' konvenuta, skond ma jidher mill-istatement relattiv, li kopja tieghu hija annessa u esebita u markata bhala Dok "A";

Illi s-Socjeta' konvenuta baqghet tonqos milli teffettwa l-pagamenti relattivi, u dan minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex taghmel dan, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju, 2000;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma taghha, is-Socjeta' konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament tal-istess;

Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 *et seq*. tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet ghalhekk is-Socjeta' attrici li s-Socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tikkundannaha li thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' Lm3068.97 lilha dovuta kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et seq tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju, 2000, u tal-Mandati kawtelatorji numru 2639/00 u

numru 2640/00 u interessi legli mid-dati li fihom gie rez is-servizz relattiv sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-Socjeta’ konvenuta, li tibqa’ minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni guramentata, id-dokument mehmuz maghha u l-lista tax-xiehda;

Rat id-Degriet tal-4 t’Awissu, 2000, ta’ din il-Qorti (diversament preseduta) li, permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, cahdet it-talba tas-Socjeta’ attrici li tisma’ l-kawza bil-procedura sommarja specjali;

Rat id-Degriet ta’ din il-Qorti li bih ordnat li l-kawza tibda tinstama’ fit-8 ta’ Novembru, 2000;

Rat li s-Socjeta’ konvenuta kienet debitament notifikata bl-att tac-Citazzjoni u bid-Degriet tal-ewwel smigh fl-20 ta’ Settembru, 2000;

Rat li, minkejja dan, hadd f’isem is-Socjeta’ konvenuta ma deher fil-hin li ssejhet il-kawza;

Semghet lill-konsulent legali tas-Socjeta’ konvenuta tikkonferma lill-Qorti li l-klijenti taghha ma kienux gew notifikati bid-Degriet tal-4 t’Awissu, 2000, fuq imsemmi;

Rat it-talba tal-istess Socjeta’ konvenuta li tinghata l-jedd li tikkontesta t-talba attrici billi l-ammont mitlub mis-Socjeta’ attrici mhux dovut, ghal liema talba s-Socjeta’ attrici halliet f’idejn din il-Qorti biex taghti decizjoni;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar jekk is-Socjeta' konvenuta ghandhiex tithalla tressaq Nota tal-Eccezzjonijiet ghat-talba attrici;

Rat l-artikoli 121(2), 122, 167(1), 168, 169 u 169A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi m'hemm l-ebda dubju li s-Socjeta' attrici ghazlet li, biex tressaq it-talba taghha kontra s-Socjeta' konvenuta, tinqeda bil-procedura sommarja specjali mfissra fl-artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura;

Illi, min-naha taghha u minn ezami bir-reqqa tal-att tac-Citazzjoni, s-Socjeta' attrici jidher li segwiet bir-reqqa dak li titlob il-ligi prezenti;

Illi, madankollu, billi l-att tac-Citazzjoni gie mressaq fiz-zmien tal-btajjel meta l-Qrati ordinarjament ma jzommux seduti, it-talba tas-Socjeta' attrici biex il-kawza timxi bid-dispensa tas-smigh giet michuda l-ghada, u, b'effett t'hekk, il-kawza tqeghdet fil-lista tal-kawzi li jsegwu s-smigh ordinarju, u, kemm hu hekk, giet appuntata ghas-smigh meta kien imissha skond l-ordni tal-prezentata taghha;

Illi, fil-fatt u fl-ewwel lok, is-Socjeta' konvenuta giet notifikata biex tidher ghall-ewwel smigh tal-kawza ferm qabel tletin jum mid-data ta' dik l-ewwel dehra;

Illi, fit-tieni lok u kif diga' gie kostatat, is-Socjeta' konvenuta giet notifikata biss bl-att tac-Citazzjoni u bl-avviz tal-ewwel smigh, imma mhux ukoll bid-Degriet tal-4 t'Awissu, 2000, f'liema kaz l-istess Socjeta' konvenuta ma kien ikollha l-ebda skuza li tibqa' temmen li l-kawza ghadha miexja bil-procediment sommarju specjali;

Illi dawn iz-zewg cirkostanzi jgibu fis-sehh effett procedurali li, min-natura tieghu, jehtieg li jigi indirizzat fl-ahjar interess tal-haqq. Il-Qorti temmen li, ghalkemm is-Socjeta' attrici m'ghandhiex titqies hatja taghhom, iz-zewg cirkostanzi m'ghandhomx lanqas iservu biex isawtu lis-Socjeta' konvenuta, li ghandha ghalhekk tinghata l-jedd li tiehu sehem kif xieraq fil-kawza, jekk taghzel li taghmel dan;

Illi din il-fehma tal-Qorti bl-ebda mod ma tirrifletti l-validita' jew le tal-kontestazzjoni maghmla mill-konsulent legali tas-Socjeta' konvenuta waqt it-trattazzjoni: hija fehma dettata biss minn principju ta' haqq naturali. Hija fehma li dawn il-Qrati fissru ukoll f'cirkostanzi tista' tghid l-istess bhal f'dan il-kaz. Hekk, per ezempju, il-Qorti tal-Appell, f'sentenza moghtija fit-23 ta' Jannar, 1991, fil- kawza fl –ismijiet ***Ragonesi et*** ***noe vs Muscat Doublesin et*** [Kollez. Vol.: **LXXV.ii.521**], tenniet li meta ma jigix osservat xi wiehed mit-termini konteplat fl-artikolu 169 tal-Kodici fuq citat, il-kawza ma tistax issegwi izjed il-procediment sommarju specjali u l-Qorti ghandha tiddiferixxi l-kawza sabiex taghti zmien skond il-procedura normali biex il-konvenut jipprezenta n-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu skond il-

ligi. Fil-fatt, dik is-sentenza annullat procedimenti fl-ewwel istanza li saru bi ksur ta' din ir-regola;

Illi fl-istess bixra hija sentenza ohra moghtija minn dik il-Qorti fil-5 t'Ottubru, 1992, fil-kawza fl-ismijiet *Herrera noe vs Cassar et noe* [kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**]. F'dik il-kawza qamet il-kwestjoni jekk l-irregolarita' fil- harsien tat-termini u l-ghamla tal-procedura sommarja uzata jwasslux biex tali procedura tibqa' tissussisti bhala procediment ordinarju jew le. Dik il-Qorti qalet li *"…r-risposta suggerita kemm mill-massimi gurisprudenzjali u kemm minn dak li jindikaw l-artikoli 789 u 790 tal-Kap 12 rigward l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarji, hija fl-affermattiv…"* u l-att jissokta jimxi bil-procediment ordinarju;

Illi, ghalhekk, mhux il-kaz la illi l-Qorti tqis jekk l- assenza ta' rappresentant tas-Socjeta' konvenuta fl- ewwel smigh biex jikkontesta personalment it-talba attrici setghetx tkun ta' xkiel ghaliha (ghalkemm hija cirkostanza li l-Qorti ma tistax thares lejha bi qbil); u lanqas ma huwa l-kaz li wiehed iqis jekk ir-raguni moghtija lill-Qorti mill-konsulent legali tal-istess Socjeta' konvenuta kinitx wahda li ghandha tikkonvinci lill-Qorti li twaqqaf is-smigh tal-kawza;

Ghalhekk, ilQorti qeghda taqta' dan l-episodju billi **tilqa' t-talba tas-Socjeta' konvenuta** li tikkontesta l-azzjoni attrici u taghti lill-istess Socjeta' konvenuta ghoxrin (20) jum millum sabiex tressaq il-kontestazzjoni taghha;

U thalli l-kawza ghall-ezami tan-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-Socjeta' konvenuta u, fin-nuqqas, ghall-kontinwazzjoni ghat-12 ta' Dicembru, 2000 fl-10.00 a.m.

L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------